**Emenda 106/rev**
**Eva Joly**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0228/2016**
**Monika Hohlmeier**
Il-ġlieda kontra t-terroriżmu
COM(2015)0625 – C8-0386/2015 – 2015/0281(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-intenzjoni li jinċita t-twettiq ta' wieħed mir-reati fil-punti minn (a) sa (h) tal-Artikolu 3(2), fejn din it-tip ta' mġiba***, kemm jekk tħeġġeġ direttament jew le reati ta' terroriżmu, tikkawża periklu*** li jista' jitwettaq reat wieħed jew aktar, ikun punibbli bħala reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment. | L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-intenzjoni li jinċita t-twettiq ta' wieħed mir-reati fil-punti minn (a) sa (h) tal-Artikolu 3(2), fejn din it-tip ta' mġiba ***tikkawża periklu ċar u konkret*** li jista' jitwettaq reat wieħed jew aktar, ikun punibbli bħala reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment. |

Or. en

**Emenda 107/rev**
**Eva Joly**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0228/2016**
**Monika Hohlmeier**
Il-ġlieda kontra t-terroriżmu
COM(2015)0625 – C8-0386/2015 – 2015/0281(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 9*** | ***imħassar*** |
| ***Ivvjaġġar barra mill-pajjiż għal skopijiet ta' terroriżmu*** | |
| ***L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ivvjaġġar lejn pajjiż ieħor għall-fini li jitwettaq jew tiġi offruta għajnuna f'reat terroristiku msemmi fl-Artikolu 3, il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' grupp terroristiku msemmi fl-Artikolu 4 jew l-għoti jew ir-riċeviment ta' taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu msemmi fl-Artikoli 7 u 8 ikun punibbli bħala reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment.*** | |

Or. en

**Emenda 108/rev**
**Eva Joly**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0228/2016**
**Monika Hohlmeier**
Il-ġlieda kontra t-terroriżmu
COM(2015)0625 – C8-0386/2015 – 2015/0281(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 10*** | ***imħassar*** |
| ***Organizzazzjoni jew faċilitazzjoni xort'oħra tal-ivvjaġġar barra mill-pajjiż għal skopijiet ta' terroriżmu*** | |
| ***L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kull att ta' organizzazzjoni jew faċilitazzjoni li jgħin kwalunkwe persuna biex tivvjaġġa barra mill-pajjiż għall-iskop ta' terroriżmu, kif imsemmi fl-Artikolu 9, bl-għarfien li l-assistenza mgħotija hija għal dak il-għan, ikun punibbli bħala reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment.*** | |

Or. en

**Emenda 109/rev**
**Eva Joly**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0228/2016**
**Monika Hohlmeier**
Il-ġlieda kontra t-terroriżmu
COM(2015)0625 – C8-0386/2015 – 2015/0281(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 21a*** |
| | ***Emendi għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI*** |
| | ***1. Fl-Artikolu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | ***"(a) "Reati terroristiċi": ir-reati msemmija fid-Direttiva …/…/UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu;"*** |
| | ***2. L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***(a) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | ***"6. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-informazzjoni rilevanti kollha miġbura mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu fil-qafas ta' proċedimenti kriminali b'rabta ma' reati terroristiċi tkun aċċessibbli awtomatikament għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor, fejn l-informazzjoni tista' tintuża fil-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi msemmija fid-Direttiva .../.../UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu f'dak l-Istat Membru u f'konformità mal-liġi nazzjonali u l-istrumenti legali internazzjonali*** |

***rilevanti."***

***(b) jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:***

***"7. Il-paragrafu 6 ma japplikax fejn l-iskambju ta' informazzjoni jista' jipperikola s-sikurezza ta' individwu, lanqas meta dan imur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istat Membru kkonċernat."***

***(c) jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:***

***"8. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li malli jirċievu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jieħdu miżuri f'waqthom f'konformità mal-liġi nazzjonali, kif xieraq.***

Or. en

10.2.2017 A8-0228/110/rev

**Emenda 110/rev**
**Cornelia Ernst, Neoklis Sylikiotis, Marisa Matias, Barbara Spinelli, Merja Kyllönen, Josu Juaristi Abaunz**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0228/2016**
**Monika Hohlmeier**
Il-ġlieda kontra t-terroriżmu
COM(2015)0625 – C8-0386/2015 – 2015/0281(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-intenzjoni li jinċita t-twettiq ta' wieħed mir-reati fil-punti minn (a) sa (h) tal-Artikolu 3(2), fejn din it-tip ta' mġiba***, kemm jekk tħeġġeġ direttament jew le reati ta' terroriżmu, tikkawża periklu*** li jista' jitwettaq reat wieħed jew aktar, ikun punibbli bħala reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment. | L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-intenzjoni li jinċita t-twettiq ta' wieħed mir-reati fil-punti minn (a) sa (h) tal-Artikolu 3(2), fejn din it-tip ta' mġiba ***tikkawża periklu ċar u imminenti*** li jista' jitwettaq reat wieħed jew aktar, ikun punibbli bħala reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment. |

Or. en

**Emenda 111/rev**
**Cornelia Ernst, Neoklis Sylikiotis, Marisa Matias, Barbara Spinelli, Merja Kyllönen, Josu Juaristi Abaunz**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0228/2016**
**Monika Hohlmeier**
Il-ġlieda kontra t-terroriżmu
COM(2015)0625 – C8-0386/2015 – 2015/0281(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 9*** | ***imħassar*** |
| ***Ivvjaġġar barra mill-pajjiż għal skopijiet ta' terroriżmu*** | |
| ***L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ivvjaġġar lejn pajjiż ieħor għall-fini li jitwettaq jew tiġi offruta għajnuna f'reat terroristiku msemmi fl-Artikolu 3, il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' grupp terroristiku msemmi fl-Artikolu 4 jew l-għoti jew ir-riċeviment ta' taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu msemmi fl-Artikoli 7 u 8 ikun punibbli bħala reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din il-kriminalizzazzjoni hija vaga ħafna, u tirriskja li taffettwa eluf ta' ċivili innoċenti fid-dritt tagħhom ta' moviment liberu. Barra minn hekk il-kliem użat "tiġi offruta għajnuna" u "parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta'" mhumiex ċari b'mod inġustifikat, u ma jorbtux b'mod sinifikanti mal-element (intenzjoni) morali rikjest u l-element materjali (mġiba jew atti) li flimkien jikkostitwixxu l-att kriminali. Ir-rabta każwali bejn dawn iż-żewġ elementi hi definita b'mod dgħajjef ferm.*

10.2.2017 A8-0228/112/rev

**Emenda 112/rev**
**Cornelia Ernst, Neoklis Sylikiotis, Marisa Matias, Barbara Spinelli, Merja Kyllönen, Josu Juaristi Abaunz**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0228/2016**
**Monika Hohlmeier**
Il-ġlieda kontra t-terroriżmu
COM(2015)0625 – C8-0386/2015 – 2015/0281(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 10*** | ***imħassar*** |
| ***Organizzazzjoni jew faċilitazzjoni xort'oħra tal-ivvjaġġar barra mill-pajjiż għal skopijiet ta' terroriżmu*** | |
| ***L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kull att ta' organizzazzjoni jew faċilitazzjoni li jgħin kwalunkwe persuna biex tivvjaġġa barra mill-pajjiż għall-iskop ta' terroriżmu, kif imsemmi fl-Artikolu 9, bl-għarfien li l-assistenza mgħotija hija għal dak il-għan, ikun punibbli bħala reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din il-kriminalizzazzjoni hija vaga ħafna, u tirriskja li taffettwa eluf ta' ċivili innoċenti fid-dritt tagħhom ta' moviment liberu. Barra minn hekk il-kliem użat "tiġi offruta għajnuna" u "parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta'" mhumiex ċari b'mod inġustifikat, u ma jorbtux b'mod sinifikanti mal-element (intenzjoni) morali rikjest u l-element materjali (mġiba jew atti) li flimkien jikkostitwixxu l-att kriminali. Ir-rabta każwali bejn dawn iż-żewġ elementi hi definita b'mod dgħajjef ferm.*


Magħquda fid-diversità